# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 9 ta' Ottubru 2019

**Rikors Numru : 153/2019JPG**

**Kawza Numru : 24**

**MF**

**U**

**KS**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' MF u KS, datat 3 ta' April 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fil-hamsa (05) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) fil-Knisja ta' Giezu, il-Belt Valletta, kif jidher mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok. A;*

2. *Illi l-partijiet m'ghandhomx tfal bejniethom;*

3. *Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni datat tmienja (08) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sittax (2016) fl-Atti tan-Nutar Dottor Francesca Portelli, kopja ta' liema qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. B, pero madanakollu, l-partijiet ilhom de facto sseparati sa minn April tas-sena elfejn u hmistax (2015) kif jista jigi kkonfermat mill-kuntratt anness bhala Dok. B, klawsola ittra 'd' fit-tieni pagna;*

4. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante*

*illi oltre l-fatt li ilhom aktar minn erba' (4) snin jghixu separatament, huma ghandhom hajja totalment separata u independenti minn xulxin;*

5. *Illi ma hemm ebda pendenza dwar hlas ta' manteniment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-ohra, u dan anke ghaliex il-partijiet irrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu hlas ta' manteniment minghand xulxin, u dan kif jirrizulta minn klawsola numru tlieta (3) tal-kuntratt ta' separazzjoni anness bhala Dok. B;*

6. *Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruhhom u jissodisfaw il-kundizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejniethom;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi fir-Registru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MF** xehed illi l-partijiet izzewgu fil-5 t'April 2008 u kienu ottjenew is-separazzjoni legali fit-8 t'Awissu 2016 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg

ma twieldux tfal u illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**KS** xehdet u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda ta' MF.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-5 ta' April 2008 (Vide Dok A, fol 4) u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Francesca Portelli datat 8 ta' Awwissu 2016 (vide kuntratt fol 5 et seqq.), izda sseparaw de facto f'April 2015;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre illi jirrizulta sodisfacentement pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**